IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 20.9.2019
COM(2019) 424 final

2019/0200 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini stabbilit bil-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (WTO-GATT tal-1994), anness mal-att finali ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-Deċiżjoni li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini stabbilit bil-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (WTO-GATT tal-1994) anness mal-att finali ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994, b'rabta mal-adozzjoni prevista ta' komunikazzjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini

Il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (WTO-GATT tal-1994) anness mal-att finali ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994 ("il-Ftehim") għandu l-għan li jiżgura li r-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini ma joħolqux huma stess ostakoli mhux meħtieġa għall-kummerċ u għandu l-għan li jarmonizza r-regoli tal-oriġini fil-livell internazzjonali, għajr ir-regoli tal-oriġini relatati mal-konċessjoni ta' preferenzi fit-tariffi. Sakemm jitlesta l-programm ta' armonizzazzjoni, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li r-regoli tal-oriġini tagħhom huma trasparenti; li ma għandhomx effetti li jirrestrinġu, ixekklu jew ifixklu l-kummerċ internazzjonali; li huma amministrati b'mod konsistenti, uniformi, imparzjali u raġonevoli, u li huma bbażati fuq standard pożittiv. Il-Ftehim daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

L-Unjoni Ewropea hija parti għall-Ftehim[1]. L-Istati Membri kollha huma partijiet għall-Ftehim.

2.2. Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini

Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini ġie stabbilit fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) u huwa miftuħ għall-membri tad-WTO. Għandu jiltaqa' mill-inqas darba fis-sena u għandu jirrevedi l-implimentazzjoni u t-tħaddim tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini. Ix-xogħol tal-Kumitat kien jiffoka primarjament fuq l-armonizzazzjoni ta' regoli mhux preferenzjali tal-oriġini. In-negozjati ma ġewx konklużi u l-membri tad-WTO attwalment qed japplikaw regoli tal-oriġini nazzjonali għal finijiet mhux preferenzjali. Aktar reċentement, beda xi xogħol dwar regoli preferenzjali tal-oriġini, b'mod partikolari fir-rigward ta' dawk li jintużaw taħt preferenzi kummerċjali għall-pajjiżi l-anqas żviluppati. Id-deċiżjonijiet fil-Kumitat normalment jittieħdu b'kunsens.

2.3. L-att previst tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini

Fi [data], matul il-laqgħa annwali tiegħu, il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini għandu jadotta Komunikazzjoni[2] rigward "It-titjib tat-trasparenza fir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini" ("l-att previst").

L-għan tal-att previst huwa li tittejjeb it-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki rigward ir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini u li jiġu kkomplementati l-obbligi ta' notifika inklużi fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

---

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

[2] Il-Komunikazzjoni mill-Awstralja; il-Brażil; il-Kanada; Hong Kong; il-Ġappun; ir-Repubblika tal-Korea; New Zealand in-Norveġja; il-Filippini; il-Federazzjoni Russa; Singapore; l-Iżvizzera; it-territorju doganali separat tat-Tajwan, Penghu, Kinmen u Matsu; u l-Istati Uniti.

La l-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u lanqas il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini ma jindirizzaw l-istatus legali tal-atti adottati mill-kumitati tad-WTO. In-natura vinkolanti tal-att previst għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tat-test użat fl-att imsemmi. B'kunsiderazzjoni tal-formulazzjoni tal-komunikazzjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini, l-att previst se jsir vinkolanti fuq il-partijiet.

3. IL-POŻIZZJONI LI GĦANDHA TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Ir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini huma dawk ir-regoli, li japplikaw fin-nuqqas ta' kwalunkwe preferenza kummerċjali, jiġifieri meta l-kummerċ jitwettaq fuq bażi ta' nazzjon l-aktar iffavorit. Barra minn hekk, xi miżuri ta' politika kummerċjali bħall-kwoti, l-anti-dumping jew il-marka tal-oriġini jistgħu jirrikjedu determinazzjoni tal-oriġini bbażata fuq l-applikazzjoni ta' regoli mhux preferenzjali tal-oriġini.

F'konformità mal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini, kull membru tad-WTO kellu jinnotifika lis-segretarjat tad-WTO fi żmien stipulat mid-dħul fis-seħħ tal-ftehim tad-WTO għalih, ir-regoli tiegħu tal-oriġini tiegħu, id-deċiżjonijiet ġudizzjarji u deċiżjonijiet amministrattivi ta' applikazzjoni ġenerali relatati ma' regoli mhux preferenzjali tal-oriġini li jkunu fis-seħħ f'dik id-data. L-Unjoni Ewropea nnotifikat l-informazzjoni meħtieġa lis-segretarjat tad-WTO.

Fil-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini, il-membri tad-WTO qablu li jinnegozjaw regoli mhux preferenzjali tal-oriġini armonizzati. Madankollu, dawn in-negozjati ma ġewx konklużi u l-membri tad-WTO attwalment qed japplikaw regoli tal-oriġini nazzjonali għal finijiet mhux preferenzjali. B'riżultat ta' dan, qed japplikaw regoli mhux preferenzjali tal-oriġini differenti għall-importazzjoni u/jew l-esportazzjoni, skont il-membri kkonċernati tad-WTO. Barra minn hekk, mhux il-membri kollha tad-WTO japplikaw leġiżlazzjoni speċifika relatata mar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini. Fl-Unjoni, dawn ir-regoli huma previsti mill-Artikoli 59 sa 61 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni[3].

Sabiex jiġi evitat li jinħolqu ostakoli mhux meħtieġa għall-kummerċ minħabba l-varjetà u l-għadd kbir ta' regoli mhux preferenzjali tal-oriġini li għandhom jiġu applikati, twaqqaf grupp ta' ħidma żgħir magħżul mill-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini sabiex jesplora l-modi kif għandha tittejjeb it-trasparenza fir-rigward tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini. L-Unjoni Ewropea ħadet sehem f'dan il-grupp ta' ħidma żgħir u kkontribwiet b'mod kostruttiv għall-att previst. F'Marzu u f'Mejju 2019 komplew id-diskussjonijiet fil-laqgħat tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini. Il-koordinazzjoni mal-Istati Membri kienet żgurata permezz tad-delegazzjonijiet tal-Istati Membri fid-WTO u permezz tat-Taqsima tal-Oriġini tal-Grupp ta' Esperti Doganali.

B'kunsiderazzjoni tal-fatt li regoli tal-oriġini ċari u prevedibbli jiffaċilitaw il-fluss tal-kummerċ internazzjonali, l-att previst għandu l-għan li jtejjeb it-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini u li jikkomplementa l-obbligi ta' notifika tal-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

L-att previst jipprevedi notifika obbligatorja tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini ta' kull membru tad-WTO użati għall-finijiet tal-applikazzjoni tat-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit skont l-Artikoli I, II, III, XI u XIII tal-GATT tal-1994. Dan jipprevedi wkoll notifika volontarja tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini użati għall-finijiet l-oħra kollha koperti mill-Artikolu 1.2 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (dazji anti-dumping u kumpensatorji skont l-Artikolu VI tal-GATT tal-1994, miżuri ta' salvagwardja skont l-Artikolu XIX tal-

[3] ĠU L 269, 10.10.2013, p.1.

GATT tal-1994, rekwiżiti tal-marka tal-oriġini skont l-Artikolu IX tal-GATT tal-1994, restrizzjonijiet kwantitattivi jew kwoti tariffarji, regoli tal-oriġini użati għall-akkwist pubbliku u l-istatistika tal-kummerċ). Barra minn hekk, l-att previst fih obbligu ta' notifika mill-membri tad-WTO ta' ċertifikati possibbli ta' oriġini mhux preferenzjali, li huma obbligatorji meta jitwettqu tranżazzjonijiet ta' importazzjoni jew esportazzjoni. In-notifiki għandhom isiru billi jintużaw il-mudelli annessi mal-att previst.

L-att previst joħloq obbligi ta' notifika flimkien ma' dawk imsemmija fl-Artikolu 5 tal-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini.

B'riżultat ta' dan, hija meħtieġa pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*jistgħu jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatur tal-Unjoni*"[4].

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini huwa korp stabbilit bi ftehim, jiġifieri l-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (WTO-GATT tal-1994).

L-att li l-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini huwa mitlub jadotta jikkostitwixxi att b'effetti legali. La l-Ftehim li jistabbilixxi l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ u lanqas il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini ma jindirizzaw l-istatus legali tal-atti adottati mill-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini. Għalhekk, in-natura vinkolanti tal-att previst għandha tiġi ddeterminata fid-dawl tat-test użat fl-att imsemmi. B'kunsiderazzjoni tal-formulazzjoni tal-komunikazzjoni dwar it-titjib tat-trasparenza fir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini, l-att previst għandu jitqies li għandu effetti legali.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u l-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt

[4] Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, paragrafi 61 sa 64.

li l-ieħor ikun sempliċement inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE għandha tkun ibbażata fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-objettiv ewlieni u l-kontenut tal-att previst huma relatati mal-politika kummerċjali komuni.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 207 tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta għandha tkun l-Artikolu 207 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

5. IL-PUBBLIKAZZJONI TAL-ATT PREVIST

Mhux applikabbli.

2019/0200 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini stabbilit bil-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (WTO-GATT tal-1994), anness mal-att finali ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(3) u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 207(4) flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Ftehim dwar ir-Regoli tal-Oriġini (WTO-GATT tal-1994) anness mal-att finali ffirmat f'Marrakech fil-15 ta' April 1994 ("il-Ftehim") ġie konkluż mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE[5] u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1995.

(2) L-Artikolu 4 tal-Ftehim jistabbilixxi l-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini.

(3) Il-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini, matul sessjoni/laqgħa tiegħu fi [data], għandu jadotta komunikazzjoni bit-titolu "it-titjib tat-trasparenza fir-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini".

(4) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini, peress li l-komunikazzjoni se tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.

(5) Il-pożizzjoni proposta li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni għandha l-għan li ttejjeb it-trasparenza tal-liġijiet, ir-regolamenti u l-prattiki fir-rigward tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini, permezz ta' regoli dwar notifika obbligatorja jew volontarja mill-membri tad-WTO tar-regoli mhux preferenzjali tal-oriġini tagħhom, permezz ta' mudelli standardizzati. Dan se jirriżulta f'regoli tal-oriġini aktar ċari u aktar prevedibbli u se jiffaċilita l-fluss tal-kummerċ internazzjonali,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi sessjoni/laqgħa tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' att tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni jistgħu jaqblu dwar bidliet editorjali minuri fl-abbozz ta' att fid-dawl tal-iżviluppi fis-sessjonijiet li ġejjin tal-Kumitat tar-Regoli tal-Oriġini, wara

[5] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/800/KE tat-22 ta' Diċembru 1994 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, fejn għandhom x'jaqsmu affarijiet fil-kompetenza tagħha, fuq il-ftehim milħuq fil-Laqgħa ta' negozjati multilaterali fl-Urugwaj (1986-1994) (ĠU L 336, 23.12.1994, p. 1).

konsultazzjoni mal-Istati Membri, jew matul il-laqgħat ta' koordinazzjoni fuq il-post, mingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President